**25 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D.**

Dottor Giovanni Sammut

*versus*

Giuseppe Mifsud

**Subasta — Sospensjoni — Art. 354(2) tal-Kap. 15.**

*Il-liġi tirrikonoxxi lid-debitur, li kontra tiegħu tiġi ntentata subasta ta' fond li jappartjeni lilu, id-dritt li joffri għall-bejgħ fond ieħor tiegħu divers minn dak miġjub fis-subasta mill-kreditur, kemm il-darba l-fond offert in sostituzzjoni għall-immobili l-ieħor ikun biżżejjed biex bih jista' jitħallas il-kreditur bla xkiel u tfixkil; u kwindi, biex id-debitur jir-*

*nexxi fit-talba tiegħu għas-sospensjoni tas-subasta relattivament għall-ewwel fond, irid jiġi muri lill-Qorti, u kwindi bilfors qabel ma jiġi mogħti l-ordni għas-sospensjoni, li l-kreditur jista' jitħallas jekk tingħata s-sospensjoni; b'mod li s-sospensjoni tiġi bħala konsegwenza naturali u loġika tal-akkoljiment tat-talba għas-sospensjoni tas-subasta.*

*Għaldaqstant, id-debitur ma jistgħax jippretendi li l-ewwel issir is-sospensjoni tas-subasta biex tista' ssir din il-prova bil-mod li tista' tordna l-Qorti. Din il-prova trid tiġi provveduta mill-ewwel mid-debitur flimkien mat-talba li huwa jagħmel għas-sospensjoni tas-subasta, salv li, jekk il-kreditur ma jaqbelx miegħu, il-partijiet jiġu rimessi fil-kontenzjus, previa s-sospensjoni tas-subasta. U jekk dan ma jsirx, lanqas ma jkun il-każ li l-Qorti tagħti xi provvediment biex issir il-prova ta' dak li tirrikjedi l-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, b'rikors tad-19 ta' Mejju 1961, talab, in eżekuzzjoni tal-att ta' self riċevut minn Nutar Dr. Alexander Sceberras Trigona fl-4 ta' Marzu 1958, il-bejgħ in subasta tal-utili dominju tal-fond "Casa de Cervantes" proprijetà tal-attur, sitwat fil-Lyceum Street, Hamrun, biex ikun jista' jitħallas mill-kreditu ndikat fl-att ta' £600 kapital, oltre l-interessi tas-6% fis-sena mill-5 ta' Ottubru 1959, u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu 1961; u illi għad-domanda avanzata mill-attur b'rikors tal-5 ta' Diċembru 1961, fejn prevalendosi mill-benefiċċju akkordat bl-art. 354(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-attur eżibixxa l-fond "Cecor" proprijetà tiegħu, sovrappost għall-fond "Casa de Cervantes", sitwat fl-istess Lyceum Street, Hamrun, il-konvenut, b'risposta tas-7 ta' Diċembru 1961 oppona ruħu, u in konsegwenza din il-Qorti, b'digriet tal-14 ta' Diċembru 1961, ċaħdet dik it-talba; u illi b'nota tat-12 ta' Frar 1962 l-attur eżibixxa l-fond "Cecor" għall-fini tad-dispost tal-art. 354(2) Kodiċi Proċedura Ċivili, u b'rikors tal-istess data talab li s-subasta tal-fond "Casa de Cervantes" tiġi sospiża, u li, għall-fini li jirriżulta li l-fond "Cecor" minnu eżibit huwa suffiċjenti biex jissoddisfa l-konvenut mingħajr xkiel, din il-Qorti tinnomina perit arkitett, jew tagħti provvediment ieħor skond il-liġi liema talba ġiet riġettata b'digriet tal-14 ta' Frar 1962; u illi l-attur għan-

du l-interess li t-talba għas-sospensjoni tas-subasta tal-fond "Casa de Cervantes" tiġi akkolta peress illi huwa jabita bil-familja f'dik id-dar, u inoltre l-fond fih ir-rekwiżiti kollha skond il-liġi biex huwa jagħti lezzjonijiet sija ndividwali sija kolleġjali, kif huwa qiegħed jagħmel biex jgħix huwa u l-familja; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti li jmissu, tiġi sospisa s-subasta tal-utili dominju tal-fond "Casa de Cervantes" fuq imsemmija, billi din il-Qorti tagħti, għall-fini tal-prova rikjesta mill-art. 354 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fuq ċitat, il-provvedimenti opportuni, fosthom in-nomina ta' perit arkitett biex jagħmel valutazzjoni tal-fond "Cecor" eżibit in bażi għall-prezzijiet korrenti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tar-rikorsi tal-5 ta' Diċembru 1961, tat-3, 18, 20 u 30 ta' Jannar 1962, u tat-12 ta' Frar 1962, u tan-nota tal-istess data;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti tas-subasta riferita li tagħha qegħdha tintalab is-sospensjoni, jirriżulta li fil-fatt hija ġiet sospiża b'digriet tat-28 ta' Frar 1962, fuq in-nota li ppreżenta r-Reġistratur tal-Qrati Superjuri. Il-konsegwenza ta' dan hi li t-talba għas-sospensjoni ma tistgħax tiġi milqugħa "ut sic". Peress, però, li r-raġuni li fuqha ngħatat is-sospensjoni hi differenti mill-preżenti, hemm lok għad-deċiżjoni jekk ir-raġunijiet a bażi tal-azzjoni preżenti jiġġustifikawx it-talba għas-sospensjoni. Hekk ukoll għandu jiftiehem l-atteġġjament tal-attur, li ma rrinunzjax għall-kawża preżenti non ostante s-sospensjoni tas-subasta preċitata;

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża preżenti qegħdha bażata fuq il-fatt li, skond it-teżi attriċi, meta l-attur bin-nota tat-12 ta' Frar 1962 offra fond ieħor flok dak miġjub għas-subasta, il-Qorti kellha tordna s-sospensjoni tas-subasta skond ir-rikors analogu li hu għamel f'dik l-istess data, u tinnomina perit jew tagħti l-provvedimenti li jidhirlha biex jirriżulta li l-fond offert kien suffiċjenti biex jagħmel tajjeb għall-kreditu

tal-eżekutant. Din id-domanda tifforma wkoll l-oġġett taċ-ċitazzjoni preżenti;

Illi għall-verità tal-fatti, kif jirriżulta mill-atti tas-subasta, għandu jingħad li l-fatti premessi fiċ-ċitazzjoni mhumiex kompleti, billi ma hemm ebda riferenza għal dak li ġara bejn id-digriet tal-14 ta' Diċembru 1961 u d-digriet tal-14 ta' Frar 1962, imsemmija fl-istess premessi; hu xieraq. kwindi li jingħad li wara d-digriet l-ewwel imsemmi (i.e. tal-14 ta' Diċembru 1961) ġiet mogħtija l-fakoltà lill-attur li jippreżenta stima ta' perit biex juri li kien hemm lok għall-provvediment minnu mitlub fis-sens tal-art. 354 (2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għas-sostituzzjoni tal-fond miġjub fis-subasta; fuq dan, però, l-attur għamel riferenza għall-istima preċedenti li kien għamel il-Perit Gaston Bianchi (ġa fuq aċċennata), minn fejn kien jirriżulta li l-fond offert ma kienx jiswa daqs il-kreditu tal-konvenut, u kienet din ir-raġuni li t-talba ġdida tiegħu għas-sospensjoni (b'rikors tat-3 ta' Jannar 1962) ġiet miċħuda b'digriet tad-19 ta' Jannar 1962. L-attur għamel rikorsi oħrajn għas-sospensjoni biex ikun jista' juri ntant li l-fond kien verament biżżejjed biex jissodisfa l-kreditu tal-konvenut, però dawn ġew miċħuda billi fil-fatt l-attur qatt ma pproduċa prova dwar dan l-assert tiegħu;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, hawn qegħdha l-vera kwistjoni tal-meritu tal-kawża odjerna, u ċjoè dak li għandu jsir skond l-art. 354(2) ġa ċitat, u fejn l-attur għandu tort. Infatti, f'dan l-artikolu jingħad li s-subasta titwaqqaf "...... kemm il-darba d-debitur jippreżenta immobili ieħor li jkun biżżejjed biex bih jitħallas il-kreditu bla ebda xkiel jew tfixkil". Dan ifisser illi, biex tiġi ordnata s-sospensjoni, irid jiġi muri lill-Qorti, u kwindi bilfors qabel ma jsir l-ordni, li l-kreditur jista' jitħallas jekk tingħata s-sospensjoni. Fi kliem ieħor, is-sospensjoni tiġi bħala konsegwenza loġika u naturali tal-akkoljiment tat-talba għas-sostituzzjoni tal-fond. li jsir meta jkun muri li dan jista' jsir "bla ebda xkiel jew tfixkil" — ħaġa li tista' ssir jew bil-produzzjoni ta' stima, jew b'xi mod ieħor, bħal, per eżempju, per mezz ta' kopja tal-att tal-akkwist tal-fond offert in sostituzzjoni li minnha jirriżulta l-prezz tal-fond. Ma jistgħax però id-debitur, kif qed jagħmel l-attur, jippretendi li ssir

l-ewwel is-sospensjoni tas-subasta biex tista' ssir din il-prova bil-mod li tista' tordna l-Qorti; infatti jista' jirriżulta, kif fil-fatt preżenti jirriżulta kif sejjer jingħad, li ma jirriżultax pruvat dak li trid il-liġi biex ikun hemm lok għas-sostituzzjoni tal-fond, u hekk is-sospensjoni tkun ingħatat għal xejn; u dan hu ta' preġudizzju lill-kreditur, li qiegħed juża l-mezzi li tagħtieh il-liġi (bħal ma hu l-bejgħ in subasta tal-fond tad-debitur) biex jitħallas ta' dak li għandu jieħu;

Illi minn dan anzi jirriżulta li mhux il-każ li l-Qorti tagħti xi provvediment biex issir il-prova ta' dak li tirrikjedi l-liġi, billi din trid tiġi provvduta mill-ewwel mid-debitur flimkien mat-talba li jagħmel, salv li, jekk il-kreditur ma jaqbelx miegħu, allura l-partijiet jiġu rimessi fil-kontenzjus prevja s-sospensjoni tas-subasta. Dan qiegħed jingħad ukoll b'riferenza għas-sottomissjoni mid-difensur tal-attur fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 1962 (ara verbal fol. 18), fis-sens li l-Qorti kellha tgħaddi biex tinnomina perit biex jagħmel stima flok, kif għamlet, qabbdet lill-perit li kien għamel stima preċedenti (li għaliha qabel kien għamel riferenza l-istess attur) biex jara jekk għandux ibiddel l-istima preċedenti mħabba ż-żmien li għadda u kull ċirkustanza li tinfluwixxi fuq l-istess;

Illi, kif ingħad, il-Perit Bianchi (ara fol. 20 u 22) xehed li, wara li reġa' mar jara l-post u l-lokal fejn jinstab, huwa ħass li għandu jżid £100 mal-istima preċedenti ta' £350, u hekk il-post jiġi qal li jiswa £450. Issa, dan hu ferm anqas mill-kreditu tal-konvenut, li bħala kapital biss hu ta' £600; u kwindi, f'kull każ, qatt ma hemm lok għat-twaqqif tal-bejgħ tal-fond miġjub in subasta mill-istess konvenut, billi dan ma jkunx jista' mir-rikavat tiegħu jitħallas bla ebda xkiel jew tfixkil tal-kreditu tiegħu. Dan biex wieħed ma jsemmix ukoll dak li eċċepixxa l-konvenut, li hu mhux l-ewwel kreditur ipotekarju, li jkompli jsaħħaħ dak li ġa ntqal;

Illi anki taħt dan l-aspett għalhekk, u ċjoè skond it-teżi attriċi stess, ma hemmx lok għas-sospensjoni tas-subasta, bażata din fuq l-offerta tal-fond effettivament offert in sostituzzjoni għal dak li qiegħed jiġi subastat;

Ikkunsidrat, fuq l-ispejjeż;

Illi fl-ebda każ ma għandu jbati spejjeż il-konvenut kreditur, billi kull ma sar ġie provokat mill-attur, bħala debitur fl-interess tiegħu biss;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad id-domanda attriċi; bl-ispejjeż kontra l-istess attur.